MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 2/2023 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500) f'isimha stess u bħala surrogata bil-polza u fil-liġi bid-drittijiet tal-assikurat tagħha Lawrence Bonnici**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Mark Scicluna (K.I. nru. 184693M)** *('l-appellat')*
**u permezz ta' digriet datat 19 ta' Lulju, 2022, is-soċjetà Citadel Insurance plc ġiet awtorizzata tintervjeni fl-arbitraġġ *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Limited (C 3500) f'isimha stess u bħala surrogata bil-polza u fil-liġi bid-drittijiet tal-assikurat tagħha Lawrence Bonnici**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-

deċiżjoni mogħtija it-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-22 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha (i) it-Tribunal iddikjara li r-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri għandha tinqasam kwantu għal tliet kwarti minn Lawrence Bonnici is-sewwieq tal-vettura bin-numru ACE 919, u kwantu għal kwart mill-intimat Mark Scicluna, is-sewwieq tal-vettura bin-numru FLY 079; (ii) illikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u li għandhom jitħallsu mill-intimat **Mark Scicluna** [hawnhekk 'l-appellat Scicluna'] fl-ammont ta' €364.59, u kkundanna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrent, bl-imgħax legali mid-data tal-*lodo* sad-data tal-ħlas effettiv; (iii) iddeċieda wkoll li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mir-rikorrenti u kwart mill-intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti fit-talba tagħha quddiem it-Tribunal, spjegat li hija qiegħda titlob il-ħlas tad-danni kkaġunat mill-intimat Mark Scicluna wara kolliżjoni li seħħet fis-16 ta' Lulju, 2019 ġewwa Tas-Sliema bejn il-vettura bin-numru FLY 079 misjuqa mill-intimat Scicluna, u l-vettura bin-numru ACE 919 misjuqa mill-assikurat tagħha Lawrence Bonnici [minn issa 'il quddiem 'il-kolliżjoni']. Id-danni pretiżi mis-soċjetà rikorrenti jammontaw għal €1,458.34. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll lill-Qorti tiddikjara li l-intimat Mark Scicluna huwa responsabbli għall-kolliżjoni.

3. L-intimat Mark Scicluna wieġeb li l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba t-traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-

traffiku da parti tal-assikurat tas-soċjetà rikorrenti Lawrence Bonnici. L-intimat ċaħad li huwa responsabbli għall-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri, u qal li għalhekk huwa m'għandux ikun ikkundannat iħallas l-ispejjeż mitluba, għaliex l-inċident in kwistjoni seħħ minħabba li Lawrence Bonnici naqas milli jżomm *proper lookout.*

**<u>Il-lodo arbitrali appellat</u>**

4. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fit-22 ta' Diċembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li r-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri għandha tinqasam kwantu għal tliet kwarti mill-assikurat tas-soċjetà rikorrenti u kwantu għal kwart mill-intimat, u apporzjona d-danni u l-ispejjeż bl-istess mod, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi dan it-Tribunal ser jibda billi jissindika l-kondotta taż-żewġ sewwieqa involuti f'dan l-inċident fid-dawl tar-regoli stradali li jirrigwardaw ir-*roundabouts *kif dedotti fil-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq:-*
>
> "221. Meta tkun qed toqrob lejn roundabout, oqgħod attent għal traffiku li jkun diġà magħha ... Agħti d-dritta lit-traffiku li jkun fuq il-lemin tiegħek kemm-il darba ma jkunx hemm sinjali fit-triq li jindikaw mod ieħor; però ibqa' miexi jekk it-triq tkun ħielsa ... Oqgħod attent b'mod partikolari għas-sinjali tal-karreġġata 'GIVE WAY'.
>
> 222. Fejn hemm żewġ mogħdijiet fid-daħla għar-roundabout, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjali jew marki tal-karreġġata li jindikaw mod ieħor; Meta tkun se ddur fuq ix-xellug; Avviċina r-roundabout fil-mogħdija tax-xellug; Żomm ma' din il-mogħdija fir-roundabout.
>
> Meta tkun se tibqa' sejjer dritt; Avviċina r-roundabout fil-mogħdija tax-xellug; żomm ma' din il-mogħdija fir-roundabout. Jekk is-sitwazzjoni ġġiegħlek tagħmel mod ieħor (eż: jekk il-mogħdija tax-xellug tkun imblukkata), avviċina fil-mogħdija tal-lemin; Żomm din il-mogħdija fuq ir-roundabout. Jekk l-istess roundabout tkun ħielsa minn

traffiku ieħor, agħżel l-iktar mogħdija konvenjenti biex tgħaddi minn mar-roundabout. Meta tkun se ddur fuq il-lemin; Avviċina r-rondabout fil-mogħdija tal-lemin; Żomm din il-mogħdija fir-roundabout.

223. Meta jkun hemm aktar minn żewġ mogħdijiet fid-daħla għar-roundabout, kemm-il darba ma jkunx hemm linji jew marki tal-karreġġata li jindikaw mod ieħor, uża l-aktar mogħdija konvenjenti meta tavviċina u tgħaddi r-roundabout, li tkun adattata għall-mod ta' kif tkun trid toħroġ

224. Meta tkun qiegħed iddur ma' roundabout, oqgħod attent u aħseb f'vetturi oħra li jaqsmu minn quddiemek, speċjalment dawk li jkunu bi ħsiebhom iħallu r-roundabout fl-ewwel ħruġ li jkun imiss.

225. Meta tkun se ddur fuq ix-xellug; Uża l-indicator li jindika dawra lejn ix-xellug hekk kif tibda tavviċina u tgħaddi mar-roundabout. Meta tkun se tibqa' sejjer dritt; Uża l-indicator li jindika dawra lejn ix-xellug meta taqbeż il-ħruġ li jkun qabel dak li tkun se tieħu."

*Illi għalkemm Lawrence Bonnici (is-sewwieq tal-vettura bin-numru ACE 919) xehed illi ma jiftakarx minn liema karreġġata huwa kien qabad ir-roundabout, huwa xehed illi huwa kien qed idur mar-*roundabout *fuq il-karreġġata tal-lemin (dik ta' mar-*roundabout) *u dan huwa evidenti wkoll mir-ritratti annessi mat-*Traffic Accident Report. *B'hekk, in vista tar-regoli stradali fuq ċitati, stante li Bonnici ried jikser lejn ix-xellug sabiex jitlaq ir-*roundabout *u jitla' t-telgħa lejn San Ġwann, huwa kien qed isuq fuq il-karreġġata l-ħażina tar-*roundabout.

*Illi di più, fix-xhieda tiegħu quddiem dan it-Tribunal, Lawrence Bonnici, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ACE 919, saħansitra ammetta wkoll illi, "*Ma jidhirx li xegħelt l-indicator" *tax-xellug sabiex jindika li ried jitlaq ir-*roundabout *u jitla' t-telgħa direzzjoni San Ġwann. Fl-istqarrija li ta lir-*reporting officers *a tempo vergine kif dedotta fit-*Traffic Accident Report, *Bonnici ukoll imkien ma tenna li kien xegħel l-*indicator.

*Illi dan it-Tribunal jirrileva ukoll illi għalkemm, ai termini tar-regolamenti tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq fuq ċitati, Mark Scicluna, is-sewwieq tal-vettura bin-numru FLY 079, kellu jagħti preċedenza lill-vetturi li kienu diġà fuq ir-*roundabout *(fuq il-lemin tiegħu) u li kienu ser jitilqu mir-*roundabout, *peress illi Bonnici ma xegħelx l-*indicator *u kien qed isuq fuq il-karreġġata l-ħażina, Scicluna ma setax ikun jaf illi Bonnici kien ser jaqleb għal fuq il-karreġġata tax-xellug u jħalli r-*roundabout *sabiex jitla' lejn San Ġwann.*

*Illi però dan it-Tribunal jirrileva ukoll illi fix-xhieda tagħhom quddiem dan it-Tribunal, iż-żewġ sewwieqa ammettew illi kienu raw il-vettura tal-ieħor biss mal-impatt:-*

*Lawrence Bonnici:*

"F'daqqa sibt il-karozza miegħi ...".
"Id-driver l-ieħor (il-karozza l-oħra) indunajt biha mad-daqqa."
"Jien lill-ieħor ma rajtux ġej, f'daqqa waħda sibtu miegħi."

*Mark Scicluna:*

"Jien il-vettura l-oħra l-ewwel ħassejtha imbagħad rajtha."

*Illi l-Qrati tagħna tennew is-segwenti f'ċirkostanzi bħal dawn fejn sewwieq jiddikjara illi ma rax il-vettura l-oħra qabel l-impatt:-*

*Illi per eżempju, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Ġunju, 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Laferla**, tenniet illi:*

"jekk sewwieq isostni li ma rax vettura oħra ġejja, din hi auto inkolpazzjoni, għaliex jekk seta' (kif fiċ-ċirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qiegħed attent kif kellu jkun jekk ried iżomm a proper lookout."

*Illi ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Reginald Marmarà vs Anthony Cutajar** (11 ta' Lulju, 2001) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tenniet illi:*

"ovvjament f'dawn iċ-ċirkostanzi meta l-konvenut isostni li ma rax lill-attur qabel l-inċident, lanqas fuq il-lemin tiegħu, hija awtoinkolpazzjoni, stante li huwa dover ta' kull sewwieq li jesplora sewwa t-triq, u jara dak li hemm quddiemu, b'mod li jżomm proper lookout, u jara dak li huwa in plain view, u l-ammissjoni da parte tal-konvenut, li ma ra xejn qabel l-istess impatt, ma hija xejn iżjed ħlief ammissjoni li dawn ir-regoli bażiċi l-istess konvenut ma osservahomx."

*Illi b'hekk, kemm Lawrence Bonnici u kemm l-intimat Mark Scicluna naqsu mill-obbligu tagħhom illi jżommu* a proper lookout. *Kieku ħarsu kif meħtieġ, żgur li kienu jaraw il-vetturi ta' xulxin qabel il-ħabta.*

*Illi b'hekk, in vista tas-suespost <u>kollu</u>, dan it-Tribunal jikkonkludi illi Lawrence Bonnici, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ACE 919, għandu jġorr tliet kwarti (3/4) tat-tort għal dan l-inċident, mentri l-intimat Mark Scicluna, is-sewwieq tal-vettura bin-numru FLY 079, għandu jġorr kwart (1/4) tat-tort għal dan l-inċident.*

*Illi kif imfisser fis-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tat-12 ta' Diċembru, 2002, fil-kawża **Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et:-***

"... Illi għal dik li hija responsabbilità tal-inċident de quo skont l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 jingħad li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". ("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi" – A.Ċ. 3 ta' Diċembru, 1991). Illi ai termini tal-artikolu 1032 tal-Kap. 6 "jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja." Illi fis-sentenza "Anthony Zerafa vs Joseph Sacco" (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu, 2001) ingħad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu jikkawża ħsara lil ħaddieħor, għandu jirrispondi għal tali ħsara hekk ikkawżata ...".

***Quantum tad-Danni***

*Illi f'dan l-arbitraġġ ir-rikorrenti qed jirreklamaw l-ammont ta' €1,458.34 bħala danni. Dan l-ammont huwa rifless fl-*invoice *esebit mir-rikorrenti u mmarkat bħala Do. GSN 4 u jikkombaċi mas-*survey report *esebit mir-rikorrenti u mmarkat bħala Dok. GSN 5. L-intimat u l-intervenuta fil-kawża, mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni ta' responsabbilità, fil-fatt ma kkontestawx l-ammonti ta'* parts, spray *u* labour.

*Illi in vista tas-suespost kollu, l-ammont ta' danni li għandhom jitħallsu mill-intimat lir-rikorrenti huwa ta' €364.59 (1/4 ta' €1,458.34).*

***Konklużjoni***

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost kollu, dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ, qiegħed jiddeċiedi u jaqta' dan l-arbitraġġ billi:*

*(i) Jiddikjara illi r-responsabbilità għall-inċident mertu ta' dan l-arbitraġġ għandha tinqasam skont is-segwenti: - Lawrence Bonnici, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ACE 919: tliet kwarti (3/4); l-intimat Mark Scicluna, is-sewwieq tal-vettura bin-numru FLY 079: kwart (1/4);*

*(ii) Jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu mill-intimat Mark Scicluna lir-rikorrenti konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' tliet mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€364.59);*

*(iii) Jikkundanna lill-intimat Mark Scicluna jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€364.59);*

*Bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' dan il-*lodo *sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-istess intimat.*

*L-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ, tal-ittra uffiċjali datata 30 ta' Marzu, 2021 u ta' dik ippreżentata kontra l-assikurazzjoni tal-vettura bin-numru FLY 079 kontestwalment mal-arbitraġġ, jitħallsu: tliet kwarti (3/4) mir-rikorrenti u kwart (1/4) mill-intimat.".*

## L-Appell

5. Is-soċjetà rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn dan il-lodo arbitrali permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-5 ta' Jannar, 2023, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka l-lodo appellat, billi tiddeċiedi minflok li l-kolliżjoni ġrat unikament tort tal-intimat Mark Scicluna li kien injora r-regoli tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru FLY 079, u tikkundannah iħallas l-ammont totali pretiż ta' €1,458.34, bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-proċeduri li saru kemm quddiem it-Tribunal kif ukoll quddiem din il-Qorti.

6. Is-soċjetà appellanta spjegat li l-kontestazzjoni tagħha hija dwar il-fatt li l-assikurat tagħha kien fuq ir-*roundabout* u kellu d-dritta. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Bonnici, li qal li huwa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu minn Tas-Sliema lejn San Ġwann, u ma jafx fuq liema karreġġata kien, iżda qabad il-karreġġata ta' mar-*roundabout.* L-assikurat tas-soċjetà appellanta xehed li ma deherlux li quddiemu kien hemm vetturi, jew li ra traffiku fuq ix-xellug tiegħu, u lanqas ma jidhirlu li xegħel l-*indicator.* Min-naħa tiegħu l-appellat Mark Scicluna xehed li kien hemm traffiku mar-*roundabout,* u meta wasal mal-'*Give Way',* ra li l-karreġġata li ried jidħol fiha kienet aktar aċċessibbli. Qal ukoll li huwa l-ewwel ħass id-daqqa, imbagħad ra l-vettura l-oħra. Is-soċjetà appellanta qalet li mix-xhieda mogħtija miż-żewġ sewwieqa, għandu jirriżulta li

l-assikurat tagħha kien għaddej bil-mod ħafna, għaliex fil-ħin tal-kolliżjoni kien hemm it-traffiku, iżda li l-kolliżjoni seħħet għaliex l-appellat ħareġ mill-*give way sign* u daħal fil-karreġġata ta' barra mar-*roundabout.* Qalet li l-appellat messu mexa bil-mod u esplora dak li kien għaddej quddiemu u mal-ġenb tiegħu, ladarba t-traffiku kien għaddej mill-ġenb tiegħu. Qalet li ż-żewġ karreġġati mar-*roundabout* kellhom id-dritta.

7. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, u qalet li l-appellat naqas milli josserva r-regoli hemmhekk miktuba, u naqas milli jara jekk it-triq quddiemu u t-triq mal-ġenb tiegħu kienux ħielsa mit-traffiku, imma l-appellat lanqas lis-sewwieq l-ieħor ma ra meta kellu obbligu jassigura li ma kienx ġej traffiku minn fuq ix-xellug tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-assikurat tagħha kellu d-dritta li juża ż-żewġ mogħdijiet tar-*roundabout,* u t-Tribunal żbalja meta ddeċieda li jekk l-assikurat tagħha ried imur dritt lejn San Ġwann, huwa kellu juża l-karreġġata fuq ix-xellug. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu relattiv tal-Kodiċi jgħid li huwa biss jekk is-sitwazzjoni ġġiegħlek tagħmel mod ieħor, li għandek tavviċina mill-mogħdija tal-lemin, u għalhekk l-assikurat tagħha ma kienx obbligat li jsuq fuq il-karreġġata tax-xellug biex imur dritt. Is-soċjetà appellanta qalet li l-assikurat tagħha kellu d-dritta, u l-appellat messu qagħad aktar attent qabel għamel il-manuvra li għamel.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellat fir-risposta tiegħu, qal li dakinhar li seħħet il-kolliżjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien qiegħed jaħdem bħala xufier tat-*taxi,* u kien

fuq xogħlu nieżel mill-Imsida lejn il-Kappara. Qal li kellu passiġġier jistennieh il-Kappara, u għalhekk baqa' fuq il-karreġġata li diġà kien fiha, li hija l-unika karreġġata li twassal għall-Kappara, u kien ftit wara li ħareġ minn fuq il-*give way* li ħass impatt fuq il-parti ta' wara tal-vettura tiegħu. L-appellat qal li l-assikurat tas-soċjetà appellanta baqa' dieħel fil-vettura tiegħu, wara li kiser diversi karreġġati. L-appellat qal li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija korretta u ma timmerita l-ebda tibdil għaliex fil-ħin tal-inċident huwa kellu d-dritta, u kien l-assikurat tas-soċjetà appellanta li kkawża dan l-inċident.

9. L-appellat qal li fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta straħet fuq dak li qal l-assikurat tagħha biss, iżda fejn hemm kunflitt tax-xhieda, il-ġudikant għandu jħares mhux biss esklussivament lejn dak li jkun ingħad mix-xhud, imma wkoll lejn elementi oħrajn. Qal li mir-ritratti esebiti għandu jirriżulta li huwa kien diġà avvanza biċċa sew minn fuq ir-*roundabout* u l-kolliżjoni ma seħħitx eżattament kif huwa qabeż il-*give way.* Qal li kieku huwa kien għadu kif ħareġ minn fuq il-*give way* meta seħħet il-kolliżjoni, il-vettura tiegħu kienet tkun aktar viċin it-telgħa ta' San Ġwann, u mhux kważi qabżitha.

10. L-appellat qal li huwa kien diġà jinsab fit-triq prinċipali, u mhux kien qiegħed jipprova jidħol fiha, u l-assikurat tas-soċjetà appellanta kien qiegħed jagħmel manuvra perikoluża mingħajr *indicator* sabiex jaqsam il-karreġġata u jitla' 'l fuq, u għandu jirriżulta li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq ċitati mis-soċjetà appellanta. Qal li r-Regolament 221 jitkellem dwar *"meta tkun qed toqrob lejn roundabout",* u huwa kien diġà fuq ir-*roundabout* u mhux kien qiegħed jersaq lejha. Qal li l-istess Regolament jgħid

li wieħed għandu jibqa' miexi jekk it-triq tkun ħielsa, u huwa dan li għamel, u fil-fatt l-impatt seħħ fuq il-parti ta' wara tal-vettura tiegħu.

11. L-appellat qal li minkejja li s-soċjetà appellanta ċċitat ir-Regolament 222, għandu jirriżulta li l-assikurat tagħha għamel bil-kontra ta' dak li jipprovdi dan ir-Regolament partikolari, u huwa kien qiegħed fuq il-karreġġata tax-xellug għaliex ried jaqbad triq li kienet fuq ix-xellug tiegħu, u għalhekk huwa kellu javviċina r-*roundabout* fil-mogħdija tax-xellug. Qal li min-naħa l-oħra, l-assikurat tas-soċjetà appellanta kien fuq il-karreġġata tal-lemin, u ried jitla' lejn San Ġwann, u kien għalhekk li dan invada għal ftit mumenti l-karreġġata li kien fiha l-appellat. L-appellat qal li minkejja li l-assikurat tal-appellanta għamel l-oppost ta' dak li jitlob il-Kodiċi għat-Traffiku, dan xorta waħda jippretendi li d-dritta kienet tiegħu, u li huwa kellu saħansitra d-dritt juża ż-żewġ mogħdijiet li qegħdin fuq ir-*roundabout.*

12. Fl-aħħar nett l-appellat qal li huwa wasal b'suċċess f'dik il-parti tat-triq għaliex ra li ma kien hemm ħadd quddiemu, u li ma kien hemm ħadd bl-*indicator* mixgħul biex jaqleb il-karreġġata. Qal li kien l-assikurat tas-soċjetà appellanta li naqas milli juża l-*proper lookout* meħtieġa, u kien għalhekk li l-impatt seħħ min-naħa ta' wara. Fil-fatt l-appellat qal li l-impatt seħħ eżattament bi dritt id-direzzjoni li fiha kien sejjer Bonnici, u għalhekk għandu jirriżulta li kien Bonnici li ma tax kas ta' x'kien hemm quddiemu. Qal ukoll li huwa ma kienx għaddej b'veloċità qawwija, għaliex li kieku kien hekk l-impatt kien ikun aktar sever, u l-vettura tal-appellat kienet iddur u mhux tibqa' mwaħħla ma' dik ta' Bonnici.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13 . Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat, u in vista tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta tikkontesta l-konklużjonijiet tat-Tribunal, billi tgħid li kien l-assikurat tagħha li kellu d-dritta mar-*roundabout,* u għalhekk ir-responsabbilità għall-kolliżjoni għandha taqa' fuq l-appellat. Il-Qorti qieset l-aktar evidenza li tista' titqies oġġettiva li hemm fil-proċess, li huma r-ritratti li juru d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident u f'liema pożizzjoni spiċċaw il-vetturi tal-partijiet wara li seħħ l-impatt. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li jidher ċar li fil-ħin tal-impatt, l-appellat kien diġà wasal biex jaqbad it-telgħa lejn San Ġwann mill-karreġġata tax-xellug tat-triq. L-appellat jgħid ukoll li huwa baqa' jsuq dejjem mal-istess karreġġata, dik tax-xellug, hekk kif fil-ħin tal-impatt huwa kien qiegħed isuq mill-Imsida fid-direzzjoni tal-Kappara. L-assikurat tas-soċjetà appellanta min-naħa l-oħra kien fi triqtu lejn San Ġwann minn naħa ta' Tas-Sliema, u għalhekk biex jaqbad l-istess telgħa li *ormai* kien wasal fiha l-appellat, kellu jaqsam minn fuq karreġġata għal oħra. Il-Qorti hija tal-fehma li l-impatt ma kienx iseħħ li kieku l-assikurat tas-soċjetà appellanta żamm *a proper lookout* qabel qasam minn fuq karreġġata għal oħra. Huwa ċar li mill-pożizzjoni fit-triq li kien fiha l-appellat, dan ma setax jinduna li warajh kien hemm sewwieq li ried jaqleb minn karreġġata għal oħra, partikolarment in vista tal-ammissjoni ta' Bonnici nnifsu li qal li huwa ma kellux l-*indicator* mixgħul. Kien għalhekk l-obbligu ta' Bonnici li jassigura li qabel jibdel il-karreġġata, ikun ċert li għandu t-

triq libera. Iż-żewġ partijiet qablu li ma kinux raw lil xulxin qabel seħħ l-impatt. Din l-istqarrija ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-assikurat tas-soċjetà appellanta kellu joqgħod ferm aktar attent u jkollu għarfien sħiħ tal-ostakoli kollha li kien hemm fil-madwar tal-vettura tiegħu, qabel jaqsam minn karreġġata għal oħra. Id-dinamika tal-inċident jidher li seħħet b'tali mod li jagħti aktar kredibbilità għal dak li xehed l-appellat, u l-fatt li huwa fl-ebda waqt ma kellu jibdel il-karreġġata, għaliex baqa' dejjem fil-karreġġata tax-xellug, ried jaqbad triq fuq ix-xellug tiegħu, u għalhekk kien jagħmel sens għalih li javviċina r-*roundabout* mix-xellug tiegħu, għalkemm huwa fl-ebda waqt ma kellu bżonn idur mar-*roundabout.*

14. Huwa hawnhekk fejn qajla jagħmel sens l-argument tas-soċjetà appellanta, li tgħid li l-assikurat tagħha kellu d-dritta, għaliex minn kif jirriżulta mir-ritratti esebiti, l-assikurat tagħha kellu oneru akbar li jassigura li seta' jinvadi l-karreġġata l-oħra qabel jagħmel dan, għaliex l-appellat qatt ma kellu għalfejn jibdel il-mogħdija jew jibdel il-karreġġata. L-appellat baqa' jsuq fl-istess direzzjoni li kien ġej minnha. Il-fatt li l-assikurat tal-appellanta ammetta li ma kienx ra l-vettura tal-appellat qabel seħħ l-impatt, iwassal għall-konklużjoni li kien hemm l-'awtoinkolpazzjoni' li semma t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. Il-fatt li l-ħsara ma kinitx aktar severa jagħti kredibbilità lit-teżi li ħadd mill-partijiet ma kien għaddej b'veloċità għolja, aktarx minħabba l-ammont ta' traffiku li kien hemm fit-triq dak il-ħin. Anki dan il-fattur iwassal lill-Qorti għall-konvinċiment li kien l-assikurat tal-appellanta, li mill-pożizzjoni li kien fiha kellu jeżerċita *a proper lookout* u jassigura li t-triq kienet mingħajr xkiel qabel jagħmel il-manuvra li fil-fatt wasslet għall-impatt. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet,

din il-Qorti sejra tiċħad l-aggravju tas-soċjetà appellanta, filwaqt li qiegħda tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali appellat fl-intier tiegħu.**

**Filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**